

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/2233****tal-14 ta' Novembru 2022****li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK <sup>(1)</sup>.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) Ir-reġim Iranjan jipprovdi appoġġ militari għall-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fl-20 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1986 <sup>(2)</sup>.
- (4) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li żewġ individwi u żewġ entitajiet involuti fl-iżvilupp u l-kunsinna ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord lir-Russja jenħtieġ li jinżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (5) Hija meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Unjoni sabiex ċertu miżuri jiġu implimentati.
- (6) Għalhekk id-Deċiżjoni 2014/145/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2022.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1986 tal-20 ta' Ottubru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, (ĠU L 272 I, 20.10.2022, p. 5).

## ANNEX

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jinżiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

## Persuni

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1266.	Hossein SALAMI حسين سلامي	Data tat-twelid: 1960 Post tat-twelid: Golpayagan, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Maġġur Ġeneral Pożizzjoni: Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika	Il-Maġġur Ġenerali Hossein Salami huwa l-Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika, li jissorvelja l-iżvilupp tal-programm tal-Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAV) tal-Iran kif ukoll it-trasferimenti tal-UAVs barra mill-pajjiż. F'din il-kapaċità, il-Maġġur Ġeneral Hossein Salami huwa responsabbli għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża relatata mal-UAVs, inkluż il-forniment ta' UAVs lill-Federazzjoni Russa għall-użu tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, il-Maġġur Ġeneral Hossein Salami huwa responsabbli talli appoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	14.11.2022
1267.	Amir Ali HAJIZADEH امير علي حاجيزاده (magħruf ukoll bħala Amir Ali Haji ZADEH)	Data tat-twelid: 28.2.1962 Post tat-twelid: Tehran, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Pożizzjoni: Kmandant tal-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika	Il-Brigadier Ġeneral Amir Ali Hajizadeh huwa l-Kmandant tal-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika, li jissorvelja l-iżvilupp tal-programm tal-Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAV) tal-Iran kif ukoll it-trasferimenti tal-UAVs barra mill-pajjiż. F'din il-kapaċità, Amir Ali Hajizadeh huwa responsabbli għal kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża relatata mal-UAVs, inkluż il-forniment ta' UAVs lill-Federazzjoni Russa għall-użu tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, il-Brigadier Ġeneral Amir Ali Hajizadeh huwa responsabbli talli appoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	14.11.2022"

## Entitajiet

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
"120.	Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika  (IRGC ASF)  نیروی هوافضای سپاه پاسداران انقلاب اسلامی  (magħrufa wkoll bħala IRGC Air Force)		Il-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC ASF) hija responsabbli għall-iżvilupp tal-programm ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs) tal-Iran, inkluż is-Shahed-136 u l-Mohajer-6, li jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Bħala l-operatur primarju tal-flotta ta' UAVs tal-Iran, l-IRGC ASF għandha rwol importanti fil-forniment ta' droni lill-alleati internazzjonali tal-Iran, inkluż il-Federazzjoni Russa. Għalhekk, l-IRGC ASF hija responsabbli talli appoġġat materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	14.11.2022
121.	Qods Aviation Industries (Industriji tal-Avjazzjoni Qods)  صنایع هوایی قدس  (magħrufin ukoll bħala Qods Aeronautics Industries)		Qods Aviation Industries hija kumpanija Iranjana li tfassal u timmanifattura Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs). Hija sussidjarja tal-Iran Aviation Industries Organisation (IAIO), intrapriża tal-istat subordinata għall-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFI) tal-Iran. Qods Aviation Industries tipproduċi d-droni Mohajer-6, li ġew fornuti lill-Federazzjoni Russa u użati fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Qods Aviation Industries hija għalhekk responsabbli talli appoġġat materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	14.11.2022"